**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 26 – l-Erbgħa, 18 TA' Mejju FIT-8.15PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Antoine Vella ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Ġew mogħtija żewġ kotba lil żewġ skejjel għall-*prize day* tagħhom

3.2 Inqrat ittra mingħand is-Sur Salvu Sammut rigward in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-ħidma tiegħu għas-serata peo-mużikali. Ġie deċiż li tintbagħat kommunikazzjoni lis-Sur Sammut fejn il-Kunsill jiskuża ruħu minn din l-iżvista u jirringrazzjah tal-ħidma tiegħu.

3.3 Ġiet ikkonfermata ż-żjara tal-President tar-Republika ta' Malta ġewwa l-iMtarfa. Il-programm ser ikun, laqgħa mal-NGOs u għaqdiet oħra nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju u quddiesa nhar il-Ħadd 12 ta' Gunju.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-*Mailbox Distributors* tax-xogħol ta' tqassim ta' *leaflets* tal-*Military Mtarfa* bi prezz baxx ħafna. Dan wara intervent mis-Sindku.

4.2 Ġie deċiż li jinxtarw 3 *trophies* u *shield* għal-iMtarfa Cup li se tkun parti mill-attivitajiet tal-*Military Mtarfa*. Dan wara li gejna avviċċinati mill-Mtarfa FC biex l-iMtarfa Cup, li kienet tintlab fil ground Military, ssir parti mill-Military Mtarfa. It-tazza originali tinstab għand il-Floriana FC

4.3 Il-Kunsill ġie infurmat fuq l-applikazzjoni għall-fondi Ewropea mill-Fondazzjoni Majjistral. Il-Kunsill huwa membru fil- Majjistral Action Group. Il-proġett ser ikun *park* ta' rekreazzjoni fil-parti ta' fuq tal-bosk. Jekk dan il-proġett ikun approvat, ikun finanzjat kollu mill-fondi Ewropew, ħlief spejjeż tal-perit u MEPA

4.4 Is-Sindku informa lill-kunsill li huwa infurmat li x-xogħol fuq il-bandli għandu jibda fi żmien qrib. Il-xogħol manwali għandu jsir mill-MRRA u l-kunsill irċieva ittra li l-materjal ser jitħallas mis-Segretarjiat responsabbli mill-kunsilli lokali. Saru numru ta' laqgħat mar-rappreżentati tal-MRRA u anki saret talba għal kwotazzjonijiet fil-gazzetta tal-Gvern, kopja tpoġġiet fuq il-mejda.

4.5 Ġie deċiż li għaqda tal-ġenituri jistgħu jagħmlu użu mill-kunsill lokali biex jiltaqgħu.

4.6 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil *Arriva Malta* rigward il-*Bus Stop* fi Triq San David kantuniera ma' Triq Reġimenti Maltin. Din il-*Bus Stop* tidher li ma sarx xogħol fuqha bħal *bus stop*s oħrajn.

4.7 Is-Sindku ippropona attività ta' BBQ u varjetà għal Awwissu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li ma kienx hemm fondi vvutati għal din l-attività.

## 5 Il-Military Mtarfa

5.1 Ix-xogħol u l-preparamenti saru kollha għal din l-attività, inkluż *refreshments* għall-voluntiera, ko-ordinament mal-pulizija u *Transport Malta* u mal-parteċipanti inkluż l-AFM. It-toroq li ser ikunu magħluqa huma Triq ir-Reġimenti Maltin u Sqaq Alessi bejn l-10.00am u s-6.00pm u parti minn Triq l-l-iMtarfa bejn 12.00 pm u s-2.00 pm.

## 6 Aġġornamenti u xogħlijiet

6.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li:

Hemm bankina fi Triq l-iMtarfa li trid tiġi rranġata mill-kuntrattur li bena l-blokka, il-bankijiet quddiem l-i*Mtarfa Ironmonger* ġew imċaqalqa ftit, Hemm bżonn żbir tas-siġar hawn ukoll. Hemm bżonn li l-*Green MT* jagħtu servizz aħjar madwar l-iskips tar-reċiklar. Għandha tinbagħat ittra f'dan ir-rigward. Hemm bżonn ukoll li jsir kuntatt mal-Awtorità tad-Djar rigward il-*line markings* fi Triq Gregorio Caraffa.

6.2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Ir-*Ramblers Association* kienu l-iMtarfa u telgħu l-arloġġ. Dawn ġabru 1 Euro kull wieħed u ingħata lill-Kunsill. Dawn ħadu ritratti u jinsabu fuq il-websajt tar-*Ramblers Association*. Membru minnhom is-Sur Stephen McGlynn offra ukoll għajnuna biex il-binjiet storiċi jiġu restawrati. Għandu jsir kuntatt miegħu. Għandha ssir *reminder* lil TM rigward il-*markings* fil-*Bypass* tal-iMtarfa.

6.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ippreżentat lill-Kunsill:

L-irċevuta tal-*Buffet Breakfast* għal Jum l-Omm li sar fl-10 ta' Mejju fis-San Antonio Hotel. L-ispejjeż involuti kienu biss t-transport. Għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-*isponsors*.

6.4 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn wiċċ ġdid fi Triq Vincenzo Bonello speċjalment int u tiela. Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni li ma kienx hemm fondi ivvutati għall-proġetti kapitali bħal dawn. Ġab ukoll għall-attenzjoni li l-bozza l-ġdida fi Triq Prosperina għadha ma saritx. Ġie deċiż li jinxtara *solar product* għall-iskola primarja. L-ispejjeż ta' dan m'għandhomx ikunu aktar minn 150 Euro.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju fit-8.15pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |